MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 194/2003

**Avviz numru 194/2003DM**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**Vs**

**Di Carina Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf seba’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1756.54), ammont rapprezentanti prodotti ta’ l-ikel u merkanzija ohra lilhom mibjugha u kkonsenjati, liema hlas baqa’ ma sarx.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 9 ta' Settembru 2002 u l-1 t'Ottubru 2002, u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf seba' mija u sitta u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1756.54), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 t' April tas-sena 2003;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------